# Stqarrija

## In-nies għandhom id-dritt jimxu fil-kampanja Maltija mingħajr ma jisparaw fuqhom

BirdLife Malta tesprimi solidarjetà mal-mara li, skont rapporti, intlaqtet tliet darbiet minn ċomb ta' tiri ta' senter waqt li kienet qed timxi bil-klieb f'Selmun, kif ukoll ma' dawk kollha li ġew iffastidjati jew ikunu f'riskju waqt li jkunu fil-kampanja Maltija.

BirdLife Malta dejjem insistiet li l-protezzjoni tal-għasafar u l-konservazzjoni tan-natura mhumiex biss kwistjoni ambjentali, iżda huma wkoll kwistjoni soċjali. In-natura hija għan-nies ukoll.

Din hija sitwazzjoni gravi u totalment inġusta li ma tistax tgħaddi qisu ma ġara xejn. Il-kampanja tħalliet tittieħed f'idejn il-kultura tal-kaċċa li fiha, ħafna drabi, il-kaċċaturi jidhru li jemmnu li jistgħu jagħmlu li jridu.

Dan huwa r-riżultat ta' snin ta' tnaqqir fis-saħħa tal-infurzar, tal-liġijiet u żieda fit-tolleranza lejn dawk li jiksru l-liġi. Il-Gvern u l-FKNK għandhom jerfgħu r-responsabbiltà għall-kultura li għenu joħolqu u jieqfu jibqgħu siekta meta n-nies u l-fawna selvaġġa protetta jitpoġġew f'riskju.

Il-pubbliku rrabjat, u bir-raġun. In-nies għandhom id-dritt igawdu l-kampanja b'mod sigur. Wasal iż-żmien li npoġġu l-prijoritajiet tagħna f'posthom.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive, BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/